MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Numru 26/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Joswil Galea**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 26 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Joswil Galea li bih huwa gie akkuzat talli:
Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta` Settembru elfejn u seba` (2007) ghall-habta ta` l-erbgha ta` filghodu (4.00am) l-akkuzat **JOSWIL GALEA** tela` fuq l-iskuna bl-isem ta` "Mermaid" (numru ta` registrazzjoni S-11055) li dak il-hin kienet sorguta mal-moll li jinsab Bugibba (Bugibba Jetty) u li s-sid ta` din l-iskuna huwa certu Paul Zammit. L-imsemmi akkuzat **JOSWIL GALEA** kellu fuqu zewgt ifliexken tal-plastik taz- zewg litri mimlijin b`sustanza esploziva u cioe` petrol. Waqt li kien fuq din l-iskuna, **JOSWIL GALEA** xjentement u volontarjament bil-hsieb li jaghmel hsara

gravi fuq din il-propjeta` xerred dan l- ammont ta` petrol fil-pruwa ta` din l-iskuna fejn hemm il-magna, qabbad dan il-petrol bil-konsegwenza li n-nar beda jinxtered u sehhet spluzjoni li ikkawzat hsara fuq din l-istess skuna. Fortunatament, il-Pulizija flimkien mal- Membri tal-Protezzjoni Civili ma damux ma marru fuq il-post u irnexxilhom jitfu dan in-nar fi zmien pjutost qasir u b`hekk gie evitat li l-iskuna tinqered ghal kollox bil-hruq.

Illi b` diversi sentenzi moghtija mill- Qrati Maltin **JOSWIL GALEA** instab hati ta` diversi reati fosthom b`sentenza datata hamsa (5) ta` Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) rigward falsifikazzjoni ta` dokumenti fejn gie ikkundannat tliet xhur prigunerija kif ukoll fis-sitta u ghoxrin (26) ta` April tas-sena elfejn u seba` (2007) fejn gie ikkundannat ghal- sitt xhur prigunerija minhabba r-reat ta` offiza gravi fuq il-persuna.

Illi b`ghemilu l-imsemmi **JOSWIL GALEA**, sar recediv u hati talli dolozament b`sustanza esploziva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`perikolu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan li l-bastiment tal-bahar bl-isem ta  “Mermaid“garrab hsara.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil **JOSWIL GALEA** recediv u hati talli dolozament b`sustanza esploziva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`perikolu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan li l-bastiment tal-bahar bl-isem ta “Mermaid“garrab hsara.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat **JOSWIL GALEA** u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija minn erbgha snin sa ghoxrin sena skond dak provdut fl-Artikoli 311, 312 (3), 314, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal-kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Ghaldaqstant, tiddikjara lil Joswil Galea hati talli:

Fis-26 ta' Settembru, 2007 ghall-habta tal-4.00 a.m. dolozament b`sustanza esploziva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`perikolu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan li l-bastiment tal-bahar bl-isem ta "Mermaid"garrab hsara, w dana skond l-Ewwel u l-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Din il-Qorti ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 311, 312(3), 314, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati**, Joswil Galea** ghall-piena komplessiva ta' tlett snin u tlett xhur **prigunerija**, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' erba` mija w hamsa w erbghin Ewro u tlieta w hamsin centezmi **(€445.53),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji

inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------